MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 461/2009

**U.C.I.M. co. Ltd (C-34235)**

**vs**

**Keith Attard ID 5180M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ il-kumpanija Attrici qed titlob il-hlas ta' elf, mitejn u sittax-il Ewro disgha u sebghin centezmi (€1,216.79c) prezz ta' spare parts u xoghol maghmul fuq ordni tal-Konvenut fuq Alfa Romeo 126 nru KIT 079.

**Ra** r-RISPOSTA li xejn mhu dovut ghax dak mitlub sar mhux fuq talba tal-Konvenut izda in riparazzjoni ta' nuqqasijiet u hsara li kienu saru fuq il-vettura msemmija mill-haddiema tas-Socjeta Attrici.

II PROVI

It-TRIBUNAL ser hawn igib biss xi siltiet mix-xhieda, ghalhekk wiehed ghandu jqis dak kollu li tressaq waqt il-gbir tal-provi u li jinsab fil-process.

**Eric Zammit**, Ass. Service Manager mas-Socjeta' Attrici spjega li fuq l-Alfa, li kienet ilha barra mis-sena 2000, kien, fis-sena 2008 sar tibdil tal-*joystick* u nfethet il-gearbox. Lill-Konvenut jafu ghax gieli kelmu fil-garaxx. Hu ta dettalji dwar dan u wiehed jista jsibhom *a fol* 16 et seq. Il-karozza ddahhlet ghandhom tliet darbiet fuq l-istess problema. Kien hemm fuq ix-xoghol Anthony Galea bhala *foreman* li jiddelega x-xoghol lill-mechanics. Fuq il-computer ghandu kollox, bil-job cards kollha. Fil-kopja tal-invoice li jkollu l-klijent ikollu taghrif dwar it-tiswijiet li jkunu saru.

**Marcel Avellino**, *credit controller* mal-UCIM qal li meta l-Konvenut, wara t-tlestija tax-xoghlijiet, mar jigbor il-vettura, hareg cekk fuq Med Alls Limited (kopja a fol 30) u meta dan gie depozitat ma ssarrafx. L-avukat tal-UCIM kiteb dwar dan lill-kumpanija msemmija (a fol 29) izda ma gietx risposta ghaliha. Meta cempel lill-Konvenut dan qallu li kien ha passi biex ic-cekka ma jissarrafx peress li "x-xoghol ma sarx tajjeb".

**Carmelo Curmi**, technician spjega x-xoghol fuq l-Alfa (ara fol 61). L-istess ghamlu Massimo Bartolo (ara fol 67) u Anthony Galea, li dak iz-zmien kien foreman mal-UCIM u kien ilu xi 30 sena (ara fol 74/77 ghal xheida dettaljata). L-Alfa in kwistjoni hi mudell 156, *sports car* u l-*gearbox* taghha dak iz-zmien kienet xihaga partikulari ghal *sports car*. Hu spjega x'inqala u x'ikkonstata meta hareg mal-klijent wara t-tiswijiet.

Il-**Konvenut** spjega li l-Alfa tieghu ghandha *gearbox select-speed*. Kien akkwistaha *second hand*. Meta dahhalha l-ewwel darba ghand l-UCIM bi problema dwar *gears* kienu zammewha xahar/xahrejn meta qalulu li ma sabu xejn hazin fiha u hallas tas-servizz. Wara xi gimgha bdiet bi problemi ta' daqqa tahdem tajjeb u daqqa le. Dahhalha ghand UCIM ghadd ta' drabi u ta dettalji dwar dan – ara fol 33/35.

**John Attard**, missier il-konvenut diversi drabi akkumpanja lit-tifel meta ha l-Alfa ghand l-UCIM. Qal li "l-ahhar darba li morna kienu qalulna li jahasra dil-vettura kienet ingiebet diversi drabi biex kulma kien hemm wire maqrus fil-gearbox". Dan qalulhom il-foreman. X'inbidel fil-vettura ma jafx imma "t-tifel kien irrabja ghax kienu jitilghu il-kontijiet imma l-partikulari ma nafx x'inhuma".

III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL wara li qies dak kollu li rrizultalu jikkunsidra kif gej:-

Meta sid ta' vettura li jkollu lment dwarha jehodha ghand bniedem tas-sengha, aktar u aktar ghand kumpanija bhal dik Attrici, u jhalli f'idejha, din ghandha tesegwixxi tiswijiet bis-sengha mill-ewwel. Il-klijent ma jindahlilhiex ghax inkella jkun qed jaghmel hsara lill-pretensjoni jew ahjar aspettativa legittma li jkollu tiswija sew. Da parti tar-repairer hu fid-dmir li jgharraf b'kollox lill-klijent u mhux biss jesegwixxi kollox skond is-sengha u l-arti. Anqas ghandu jaccetta li jaghmel xihaga mhiex skond is-sengha u l-arti biex "jobdi lill-klijent". F'dan il-kas ma ghandna ebda xenarju iehor hlief li l-klijent halla f'idejn l-UCIM.

Dan stabbiliet, li rrizulta hu li l-Alfa flok ma saret bicca sew fuqha mill-ewwel, iddahhlet diversi drabi ghand l-UCIM u l-ispejjes dejjem telghin.
It-TRIBUNAL hu statutorjament obligat li jkun gwidat minn konsiderazzjonijiet ta' ekwita' u l-kaz prezenti hu wiehed fejn jitlob dan b'mod lampanti. In vista ta' dan, b'sens ta' dak li hu xieraq lejn iz-zewg nahat jaccetta u jiddeciedi li l-konvenut ihallas ghas-saldu lil UCIM il-quantum ta' hames mitt Ewro (€500.00c)

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jikkundanna** lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' Attrici l-*quantum* ta' hames mitt Ewro (€500.00c) bl-imghax jiddekorri mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u **jichad** it-TALBA dwar il-bqija (2) **jaccetta** l-eccezzjonijiet tal-konvenut limitatament u in kwanti kompatibbli ma dak deciz dwar it-TALBA u (3) **jiddeciedi** li, fic-cirkostanzi, l-ispejjes tal-kawza ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------